**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum is-6 t'April 2022**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Martin Carabott**

**(Karta tal-Identita' 185966(M))**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Martin Carabott**, iben Vincent u Thereza xebba Desira imwieled Pieta' fis-26 ta' April, 1966 u residenti 29, Triq San Piju V, Marsaxlokk u detentur tal-karta tal-identita' numru 185966(M), akkuzat talli:

1. Fit-23 ta' Settembru 2020 ghal-habta tas-07:00hrs waqt li kien qieghed gewwa ir-Riserva Naturali ta' Marsaxlokk zamm jew garr arma tan-nar li tkun kargata, jew bl-iskratac fil-kompartiment ta' l-iskratac ta' l-arma jew barra l-ghata taghha jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta' Regolament 1, SL. 549.72.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccja, wegga', jiehu jew ipprova jikkaccja, jwegga jew jiehu xi ghasfur min Santwarju ta' l-ghasafar u dan bi ksur ta' Reg. 24(a) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirksotanzi kellu fil-pussess jew fil-kontroll tieghu xi ama tan-nar, munizzjoni, ghasafar tat-tahrik, xibka jew kull mezz iehor ghall-kacca jew ghat-tehid ta' xi ghasfur f'Santwarju ta' l-ghasafar u dan bi ksur ta' Reg 24(c) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regoalment 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet kkonfermata wara li l-qua imputat nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess u jerggha jitkellem mal-avukat difensur;

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Li bl-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu gew sodisfacentament pruvati;

**Decide.**

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat ir-regolamenti relevanti tal-ligi partikolarment ir-regolamenti 17, u 24(a) u (c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 hekk kif emendat, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundannah ghall-multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500).

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Fl-ahhar net, ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti qed tordna ukoll il-konfiska tal-corpus delicti.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur.